


OTTUBRU 2015 - JANNAR 2016

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Tiġdid fil-kontinwità**

Il-ħidma fi ħdan l-iskola sekondarja ta' Ħal Kirkop ma taqta' xejn. Hekk kif għalaqna s-sena 2014-2015 mill-ewwel beda x-xogħol fuq is-sena skolastika attwali. Din is-sena li qegħdin fiha qed tara l-infrastruttura tal-iskola tilħaq il-massimu tagħha fejn il-popolazzjoni tal-iskola laħqet 870 student bi kważi 500 student subien u bniet fl-iskola medja. Ħsibna sabiex l-istudenti ta' kull form partikolari jkollhom il-kmamar u s-sular tagħhom flimkien ma' *lockers* għal kull wieħed u waħda minnhom lil hinn minn studenti ikbar minnhom. Ħsibna wkoll sabiex l-aċċess għall-iskola jinbidel u tinħoloq *reception area* ġdida lil hinn mill-qalba tal-iskola ħalli kemm il-ġenituri u l-istudenti jserrħu rashom iżjed li l-iskola hija post sikur.

Fuq kollox ħsibna wkoll biex inkomplu noffru edukazzjoni ta' kwalità lill-istudenti tagħna. Il-pjan edukattiv tal-iskola jaħseb sabiex itejjeb il-livell ta' litteriżmu u numeriżmu b'mod tanġibbli fost l-istudenti tagħna. Investejna u qed inkomplu ninvestu fil-librerija tagħna sabiex l-istudenti jkollhom aċċess aħjar għall-qari.

Għal dawk l-istudenti li jbatu fl-akkademiku ħloqna suġġetti apposta filwaqt li dħalna fi ftehim ma' Prince's Trust tal-Irlanda li toffri programm alternattiv li jwassal xorta għal kredenzjali filwaqt li jindirizza l-problema ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni.

*...ikompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com/

# EDITORJAL

**Sena skolastika ġdida – kapitlu ġdid**

Sena skolastika ġdida ġġib magħha sentimenti differenti fost l-istudenti. Issib dawk li jkunu ħerqana, iħarsu b'ottimiżmu lejn is-sena l-ġdida u jkunu jixtiequ jagħmlu dak kollu possibbli biex is-sena skolastika tkun waħda pożittiva. Oħrajn ikunu bla ħeġġa, jaraw kollox mil-lenti pessimista u għalihom is-sena skolastika tkun waħda negattiva tant kemm ikun moħħhom biss li jasal tmiem is-sena. Idealment, biex l-istudenti jieħdu l-aħjar possibbli, għandhom jorbtu sena skolastika ġdida ma' kapitlu ġdid f'ħajjithom. Jekk ikun hemm studenti li jibqgħu jaħsbu fuq is-sena skolastika ta' qabel, ma tantx ikunu jistgħu jirnexxu. Għalhekk ikun xieraq li jħarsu 'l quddiem u jibdew paġna ġdida.



Dawk l-istudenti li daħlu fl-iskola tagħna għall-ewwel darba, se jiskopru dinja ġdida li, jekk isiru parti minnha, twassalhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. L-istudenti li diġà kienu f'din l-iskola jistgħu jużaw l-esperjenzi ta' qabel biex jgħinuhom ikomplu b'mod pożittiv il-vjaġġ li bdew f'din l-iskola. Barra li l-iskola tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet akkademiċi tagħhom, tgħinhom ukoll jedukaw ruħhom, jiffurmaw karattru tajjeb u jsiru ċittadini eżemplari fis-soċjetà Maltija. L-istudenti jkunu qed jagħmlu l-almu kollu tagħhom meta joqogħdu attenti waqt il-lezzjonijiet kollha, jagħmlu sew ix-xogħol kollu li jingħata mill-għalliema, jaqraw u jistudjaw il-materjal kollu li jkunu għamlu matul is-sena. B'hekk ikollhom suċċess. Kull bniedem jista' jiżbalja iżda kulħadd jista' jitgħallem mill-iżbalji tiegħu stess. Studenti maturi jagħrfu jitgħallmu mill-iżbalji li jkunu wettqu u mhux jibqgħu jirrepetu żball wara ieħor. Għalhekk l-istudenti għandhom jagħtu kas meta xi ħadd jiġbdilhom l-attenzjoni li jkunu żbaljaw u mhux jeħduha kontrih.

L-istudenti kollha għandhom id-dritt li jkollhom l-aħjar edukazzjoni possibbli iżda għandhom ukoll id-dmir li jikkollaboraw u jifhmu li l-edukaturi tagħhom iridulhom il-ġid. L-iskola għandha l-obbligu li ssegwi l-passi tal-istudenti fil-mixja edukattiva tagħhom. Imma l-iskola weħidha mhix biżżejjed. Id-dar trid timxi id f'id mal-iskola biex l-istudenti jirnexxu. Jalla din is-sena skolastika tkun waħda pożittiva għal kulħadd u li fiha nibdew tassew kapitlu ġdid.

*Is-Sa. C. Tanti*

# SERATA U KOMPETIZZJONI TAL-MILIED











*...ikompli minn paġna 1*

Barra minn hekk bqajna noffru attivitajiet ekstra-kurrikulari waqt il-brejk u wara l-ħin tal-iskola filwaqt li qed noħorġu b'iżjed inizjattivi ġodda u interessanti sabiex it-tfal tagħna jieħdu formazzjoni edukattiva xierqa u sħiħa.

Madankollu s-suċċess tal-iskola hu kollu dovut għall-ħidma fejjieda u ma taqta' xejn tal-istaff kollu li b'tant ħila u dedikazzjoni jaħdem bla heda għall-gid ta' kull student u studenta fi ħdan l-iskola tagħna.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola

# ... U DALWAQT INTEMMU L-EWWEL TERM!

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd u fi ftit ġimgħat oħra nkunu diġà temmejna l-ewwel term ta' din is-sena skolastika. L-amministrazzjoni dejjem tagħmel l-almu tagħha sabiex kemm l-istudenti kif ukoll il-ġenituri jkollhom esperjenza pożittiva tul iż-żmien li jqattgħu f'din l-iskola. Nemmnu bis-sħiħ fl-importanza tal-komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar. Għaldaqstant, minn żmien għal żmien, il-ġenituri jiġu mistiedna għal laqgħat apposta sabiex flimkien nitkellmu dwar dak li jolqot mill-qrib lill-istudenti tagħna. Fil-vaganzi tas-sajf laqqajna lill-ġenituri tal-istudenti tas-Seba' u t-Tmien Sena waqt li dawk tat-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Sena sejjaħnielhom fl-ewwel ġimgħat tas-sena skolastika. Fi ftit jiem oħra qed nerġgħu nistednukom għal-Lejla tal-Ġenituri fejn intom tkunu tistgħu titkellmu mal-Form/Assistant Form Teacher dwar il-progress t'uliedkom. Madankollu, kif dejjem għidna, il-bibien tagħna huma dejjem miftuħa u kull meta tħossu l-bżonn li titkellmu magħna ċemplu jew ejjew u nisimgħukom.

Din is-sena ħadna l-inizjattiva biex kull student jiġi jiġbor il-kotba tal-iskola ftit ġranet qabel bdiet is-sena skolastika. B'hekk kulħadd kellu ċ-ċans jilħaq jiksi l-kotba bil-kwiet u wliedkom ma kellhomx għalfejn iġorru basket tqil mimli bil-kotba tas-suġġetti kollha meta bdew il-lezzjonijiet. L-għalliema wkoll sabu din l-inizjattiva utli ħafna għax mill-ewwel setgħu jibdew bil-lezzjonijiet u ma jintilifx ħin prezzjuż. Din l-inizjattiva setgħet isseħħ bl-għajnuna tal-librara tal-iskola li fil-ġimgħat tal-vaganzi daħlu jippreparaw il-kotba għall-istudenti kollha.

L-amministrazzjoni temmen bis-sħiħ fil-kapaċitajiet u t-talenti varji tal-istudenti tagħna. It-tagħlim ma jseħħx biss bejn l-erba' ħitan tal-klassi imma anke permezz ta' bosta attivitajiet ekstra-kurrikulari li jiġu organizzati minn żmien għal żmien. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina li naraw lill-istudenti involuti f'attivitajiet sportivi, mużikali, drama, eċċ... għax b'hekk mhux biss ikunu qed jieħdu gost imma jakkwistaw ħiliet li ma ġġibhomx mill-kotba u l-lezzjonijiet formali. Għaldaqstant, inħeġġukom tiġu u tagħtu s-sapport tagħkom lil dawk l-istudenti li fil-jiem li ġejjin se jieħdu sehem fis-serata tal-Milied u fil-Pantomima għax din żgur se tkun esperjenza oħra memorabbli għal kull min se jkun involut.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri kollha tas-sapport li jagħtuna fl-inizjattivi li nieħdu għaliex dan jimliena bil-kuraġġ sabiex inkomplu naħdmu bis-sħiħ għall-ġid tal-istudenti kollha tagħna.

*Is-Sa C. Pisani Grixti*

Assistenta Kap

# IL-PROĠETT: EAT RESPONSIBLY

Għal din is-sena l-kumitat tal-Eko Skola ser jaħdem fuq proġett internazzjonali bl-isem ta' Eat Responsibly. L-iskola kellha l-unur li dan il-proġett jiġi inawgurat mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo ġewwa l-iskola tagħna stess. Il-proġett jinvolvi numru ta' skejjel Maltin kif ukoll barranin. L-iskola ġiet mogħtija fondi sabiex jitweqqu proġetti favur ħajja iktar sostenibbli.




L-istudenti tal-Eko Skola se jaħdmu fuq bejgħ ta' frawli organiku li ser jiġi ppreparat bħala *smoothies* u mibjugħ waqt attivatijiet tal-iskola. Waqt dan il-proċess, l-istudenti se jitgħallmu dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-importanza li nieħdu ħsieb ir-riżorsi naturali sabiex il-ġenerazzjonijiet li ġejjin ikunu jistgħu jgawduhom ukoll. Permezz tas-sehem attiv tagħhom, l-istudenti jkunu jistgħu jkabbru r-responsabbiltà tagħhom ukoll, joħorġu b'ideat prattiċi kif huma jistgħu jgħinu kemm lill-komunità tal-iskola kif ukoll dik tal-madwar sabiex huma wkoll jagħrfu l-importanza tal-edukazzjoni dwar ħajja iktar sostenibbli.





Apparti hekk l-istudenti ser ikollhom l-opportunità li jaqsmu l-ideat tagħhom ma' studenti barranin. B'hekk flimkien jiddiskutu u joħorġu bi strateġiji li jistgħu jiġu implimentati ġewwa l-iskejjel rispettivi tagħhom.

*Is-Sa RA Gauci*

# IL-FESTIN TA' ĦALOWIN



Serata msaħħra fejn sħaħar, mummji, skeletri, vampiri u friefet il-lejl iltaqgħu f'appuntament annwali fis-sala tal-iskola. Le, tinkwetaw xejn. Ma kienx hemm xejn makabru imma kienet serata ta' divertiment assolut għal numru kbir ta' studenti mis-Seba' u t-Tmien Sena li attendew bi ħġarhom għall-festin tal-Ħalowin.











Il-festin kien iddominat minn mużika li tinżel tajjeb mat-tfal waqt li s-sala kienet imżejna għall-okkażjoni b'għanqbuta kbira, bżieżaq u tiżjin ieħor li jdaħħlek aktar fl-atmosfera. Però ridna naraw xi ftit mit-talenti tat-tfal għax kellna *karaoke* u ma ħallejnihomx jintelqu wisq għax kellna sessjoni ta' Zumba wkoll. Il-*tuck shop* tal-iskola ħa ħsieb li jipprovdi *homemade burgers* tajbin.













L-attrazzjoni ewlenija kienet il-kompetizzjoni tal-qargħa ħamra minquxa. Is-sena li għaddiet konna sorpriżi bil-kapaċitajiet u ideat brillanti li ħarġu bihom it-tfal. U din is-sena mhux inqas. Il-ġurija kellha diffikultà sabiex tagħżel tliet rebbieħa.

L-għan ta' dan il-festin intlaħaq bil-kbir. Dan għaliex l-istudenti ltaqgħu l-iskola f'ambjent differenti minn tas-soltu u ħadu pjaċir flimkien.



*Is-Sur K Scicluna*

Għalliem

# PROMOTURI TAL-QARI

Nhar is-Sibt 7 ta' Novembru bħala parti mill-Ġimgħa tal-Ktieb, saret iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni lill-Promoturi tal-Qari jew Reading Champions. Din l-inizjattiva ġiet organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u d-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu bħala parti mill-kampanja nazzjonali biex iħeġġu lill-istudenti sabiex jaqraw aktar.



F'din iċ-ċerimonja ngħata rikonoxximent lil dawk l-istudenti li jħobbu jaqraw jew jaqraw tajjeb ħafna kif ukoll lil dawk li impenjaw ruħhom biex jitgħallmu jaqraw jew itejbu l-ħila tal-qari tagħhom. Kull skola ġiet mitluba tinnomina tliet studenti għal dan il-premju. L-iskola tagħna kienet rappreżentata minn Enya Coleiro, Emily Grech u Ahmed Naser Alshslash. Dawn it-tliet studenti tat-Tmien Sena ngħataw kotba u ċertifikat. Minn dawn il-paġni nifirħulhom għall-impenn tagħhom fil-qari u nħeġġu aktar studenti sabiex jieħdu l-eżempju tagħhom u jaqraw aktar.

*Is-Sa C. Pisani Grixti*

Assistent Kap



| Diċembru 2015 | |
|---|---|
| 2 | Trekking għall-istudenti kollha tat-8 Sena |
| | Żjara fil-fabbrika tal-Benna (Studenti tat-3 u r-4 Sena li għandhom l-Istudji Soċjali jew li għażlu s-suġġett tal-Istudji Ewropej) |
| 3 | Żjara ta' Orjentazzjoni fil-Hotel Vivaldi Paceville (25 student mit-3 Sena) |
| | Quddiesa tal-Griżma għall-istudenti tat-8 Sena fis-sala tal-iskola |
| 4 | *Open Day* fil-Higher Secondary School in-Naxxar għall-istudenti tal-5 Sena |
| | Taħdita dwar il-Kummerċ Ġust fis-sala tal-iskola |
| 7 | Kompetizzjoni tal-Presepji u Kunċert tal-Milied fis-6:30pm |
| | Film Festival tal-Ġermaniż (38 student tal-Ġermaniż tas-7 sena) fil-German Maltese Circle |
| | Trekking għall-istudenti tar-4 Sena |
| 9 | *Fieldwork* tal-Ġografija għall-membri tal-klabb tal-Ġografija f'Dingli Cliffs (għażla ta' studenti mis-7, it-8, it-3 u r-4 Sena) |
| 10 | Quddiesa tal-Milied b'risq l-Istrina fil-Katidral ta' San Ġwann |
| | Attività tal-Home Economics għall-istudenti tal-HE Option, it-3 Sena, f'Parentcraft G'Mangia |
| 11 | Pantomima għas-7, it-8 u t-3 Sena fis-sala tal-iskola |
| | Lejla tal-Ġenituri |
| 15 | *Fieldwork* tal-Ġografija għat-3 Sena CCP fil-Manikata |
| 15, 16, 17, 18 | Pantomima fis-sala tal-iskola |
| 21, 22 | Attivitajiet tal-Milied |
| 21 | Quddies tal-Milied (Is-7 u t-8 Sena) |
| | 'Laughing Matters Show' (Is-7 u t-8 Sena) |
| | Festin tal-Milied (Is-7 u t-8 Sena) |
| | Purċissjoni tal-Bambin (It-3, ir-4 u l-5 Sena) |
| | Quddies tal-Milied (It-3 u r-4 Sena) |
| | Festin tal-Milied (It-3 u r-4 Sena) |
| | 'Laughing Matters Show' (It-3 u r-4 Sena) |
| 23-31 | Vaganzi tal-Milied |

| Jannar 2016 | |
|---|---|
| 1-6 | Vaganzi tal-Milied |
| 18, 20, 29 | Tilqima tad-DPT (Ir-4 Sena) |

| Frar 2016 | |
|---|---|
| 8-9 | Vaganzi tal-Karnival |
| 11-24 | Eżamijiet ta' Nofs is-Sena |
| 25 | Ħarġa tal-Istorja (It-8 Sena) |
| 29 | Eżerċizzi tar-Randan (Is-7 u t-8 Sena) |

*Il-programm jista' jinbidel skont il-ħtieġa*

# KWIZZ GĦALL-ISKEJJEL FIL-JUM DINJI TAL-ISTATISTIKA

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Istatistika, sar kwizz għall-istudenti tat-Tmien Sena li kien organizzat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). Dan sar fl-iskola sekondarja taż-Żejtun u fih ħadu sehem studenti minn tliet kulleġġi li kienu l-Kulleġġ San Tumas Moore, il-Kulleġġ Santa Margerita u l-Kulleġġ San Benedittu. Aħna konna l-ħames studenti li rrappreżentajna l-iskola u l-kulleġġ tagħna f'dan il-kwizz.







Fil-bidu kellmuna dwar l-NSO li tfisser National Statistics Office. Wara wrewna *slideshow* bl-istatistika li ħarġet minn *survey* li konna għamilna aħna l-istudenti stess. Pereżempju aħna tgħallimna li fl-iskejjel sekondarji hemm iktar subien milli bniet. Imbagħad wara s-*slideshow* kien imiss il-kwizz. L-ewwel staqsew sett ta' mistoqsijiet dwar il-loġika lil kull grupp li kellhom żewġ punti marbutin magħhom. Wara tawna envelopp u nżilna nwieġbu l-mistoqsijiet dwar l-Ewropa bl-għajnuna ta' sħabna li kienu qed jissapportjawna. Sħabna kienu l-istudenti kollha tal-klassijiet 8.1, 8.2 u 8.3 li tgħidx kemm qajmu entużjażmu bis-sapport kontinwu tagħhom. Imbaghad beda t-tieni rawnd tal-kwizz li kien marbut mal-Matematika. Fl-aħħar tħabbru r-riżultati u qalulna li rbaħna. Tgħidx kemm ħadna gost kif sirna nafu dan! Aħna ngħatajna trofew sabiħ ta' tifkira għall-iskola kif ukoll vawċer ta' €10 lilna r-rebbieħa.

*Maria Bellia, Daniel Cachia, Sile Cachia, Enya Coleiro, Emily Grech*
Studenti li rrappreżentaw l-iskola fil-kwizz

# L-ESPERJENZA TAL-ESPOŻIZZJONI TA' KARRIERI

Meta bdiet l-esperjenza ta' espożizzjoni ta' karrieri madwar disa' snin ilu, din l-inizjattiva kienet taħt ir-responsabilità ta' grupp imħallat ta' għalliema tal-*guidance*, *counsellor* u l-prinċipal. Matul is-snin l-attività kompliet tikber u titjieb bis-sehem tal-Career Advisor tal-Kulleġġ. Aktar riċenti  d-Direttorat għas-Servizzi tal-istudent beda jipprovdi xi postijiet tax-xogħol fejn l-istudenti jagħmlu l-esperjenza tagħhom.





L-għanijiet ta' din l-esperjenza maħsuba direttament u partikularment sabiex jgħinu lill-istudenti jifhmu l-ħtieġa li jiksbu kwalifiki kemm dawk f'livell ordinarju kif ukoll l-importanza li jkomplu l-istudji tagħhom wara t-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja. Benefiċċju ieħor hu marbut ma' dak psikoloġiku personali, peress li b'din l-attività l-istudenti jesperjenzaw transizzjoni qasira imma effettiva mill-ambjent ta' skola għal ieħor ta' post tax-xogħol fejn jaraw id-diversità tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum. Iżjed minn hekk din l-esperjenza tagħti lill-studenti l-opportunità li jibdew jifhmu aħjar lilhom infushom, liema karriera tinteressahom, kif tkun il-ġurnata tax-xogħol ta' kuljum, kif taħdem fi grupp ta' nies, il-ħiliet ta' komunikazzjoni meħtieġa, li trid tqum filgħodu kmieni għax-xogħol u li trid taħseb għat-trasport. Imma fuq kollox tgħin lill-istudenti jirriflettu aktar fil-fond fuq karrieri differenti kif għall-futur  per eżempju jekk iħossuhomx tajbin f'ċertu ambjent ta' xogħol u t-tip ta' xogħol.





*...ikompli f'paġna 11*

*…ikompli minn paġna 10*

B'hekk l-istudenti jitgħallmu jagħrfu l-kwalitajiet personali tagħhom. Però minn din l-esperjenza jitgħallmu wkoll il-ġenituri/kustodji tal-istudenti. Dan għaliex ħafna drabi tkun ta' sfida biex jaċċettaw li wliedhom ikollhom aktar responsabbiltà u indipendenza f'din l-attività. Fost ħsibijiet, biża' jew ansjetà li kemm-il darba stqarru l-ġenituri/kustodji huma li t-tifel ser jitlaq waħdu għax-xogħol, li ser jiltaqa' ma' nies li ma jafhomx u li min jaf jekk hux kapaċi jagħmlu dak li ser jgħidilhom jagħmlu matul il-ġimgħa esperjenza ta' Espożizzjoni ta' Karrieri .











Dan kollu u aktar verament li jista' joħloq ċertu inċertezza kemm fil-ħsibijiet tal-istudenti kif ukoll tal-ġenituri/kustodji, filwaqt li tirrikjedi ħafna xogħol mill-iskola, mill-Career Advisor u oħrajn. Iżda mill-esperjenzi tas-snin li għaddew, l-attività dejjem ħalliet sodisfazzjon qawwi u tat enerġija u motivazzjoni biex terġa' tkun imwettqa fis-snin ta'wara.

*Mill-Career Guidance Team*

# KORS TAL-BASIC LIFE SUPPORT

F'Novembru, l-għalliema tal-Health and Safety organizzaw kors tal-*Basic Life Support* għall-istudenti kollha tar-Raba' Sena. F'Malta, din kienet l-ewwel darba li skola organizzat kors tal-*Basic Life Support* għal din il-kwantità ta' studenti. Fil-fatt kien hemm bżonn ta' tnax-il *instructor* biex jagħtu dan il-kors lil għadd tant kbir ta' studenti. Preżenti kien hemm ukoll rappreżentant tal-MRC (Malta Resuscitation Council) biex isegwi l-andament ta' din l-attività. L-istudenti ngħataw tagħrif kemm teoretiku kif ukoll prattiku u se jingħataw ċertifikat. Prosit lill-istudenti tal-interess li ħadu u lil kull min ta sehmu biex din l-attività tkun waħda ta' suċċess!











*Is-Sa K.Callus*
*Is-Sur A. Muscat*
Għalliema tal-H&S

# IL-FESTIVAL ZIGU ZAJG



Il-festival Żigu Żajg sar appuntament annwali mistenni minn dawk it-tfal u ż-żgħażagħ kollha li jħobbu l-kultura. Din is-sena, dan il-festival ittella' l-Belt Valletta bejn it-Tnejn 16 u l-Ġimgħa 20 ta' Novembru.

L-Erbgħa 18 ta' Novembru, l-istudenti tal-klassijiet 8.4, 8.5 u 8.6 flimkien ma' grupp żgħir ta' studenti tad-drama, ingħataw l-opportunità li jassistu għal żewġ spettakli qosra. L-ewwel irħejnila lejn it-teatru Manoel fejn l-Orkestra Nazzjonali taż-żgħażagħ esegwiet xi siltiet klassiċi meħuda mir-repertorju ta' kompożituri li kienu jgħixu fil-pajjiżi tal-Commonwealth. Għal ħafna mill-istudenti, din kienet l-ewwel darba li żaru t-teatru Manoel u baqgħu mistagħġbin bis-sbuħija tal-post kif ukoll stqarrew li kienu mmaġinawh ħafna akbar. Personalment, ippruvajt nagħtihom xi dettalji dwar il-post imma ħadt ferm aktar pjaċir bl-interventi ta' Pavel Xerri, mill-klassi 3.3 fejn kompla jagħtina aktar dettalji milli kien sema' waqt il-lezzjoni tal-Istorja.



Wara morna l-iskola Primarja tal-Belt Valletta fejn rajna reċta/silta teatrali bl-isem ta' NEETS. Id-direttriċi, Josette Ciappara spjegat lill-istudenti li dak li kienu ser jaraw kien ibbażat fuq esperjenzi ta' żgħażagħ, li bħalhom jużaw il-midja soċjali bħal Facebook u oħrajn. L-iskript kien miktub minnhom ukoll. Din ir-reċta żammet lill-istudenti nkullati mas-siġġu u interessati f'dak kollu li kien qed jiġri, speċjalment peress li l-atturi kienu l-ħin kollu għaddejjin minn nofshom u qed jikkomunikaw magħhom. Il-verdett finali kien li kienet biċċa xogħol tajba ħafna, fejn il-vuċi tal-attur li kellu r-rwol ta` Jan il-vjolinist, intogħġbot immens.



*Is-Sa M. Vella Sammut*
Għalliema

# A COMPARATIVE DISCOURSE ANALYSIS OF SIX PRIMARY SCHOOLS IN MALTA, SCOTLAND AND ENGLAND

## Introduction

In my dissertation for my Masters in Euro-Mediterranean Education Studies I made a comparative study of six homework policies. The contexts of these policies were two primary state schools in Malta, two in Scotland and two in England. I sought to find out how these policies present the roles of the students and the parents in relation to homework. I was interested in finding out if equity issues exist in the written texts and whether homework is the means by which discrimination occurs. In order to do this I applied Bourdieu's (2004) theoretical concept of cultural capital. I will explain this further down.

For my study I chose to do qualitative research because I wanted to answer questions which could not be quantified. I followed Fairclough, Van Dijk and Wodak and used critical discourse analysis as a research tool. I did not want to interpret social reality as it exists, but I tried to "uncover the way in which it is produced" (Phillips & Hardy, 2002, p.6). By applying critical discourse analysis I problematised the policies and made a critique of the written texts. In so doing I made "strange patterns familiar and familiar patterns strange" (Bray, Adamson & Mason, 2007, p. 377).

My study does not allow me to make any grand claims. Nevertheless, the research undertaken has given me insights into homework and the issues that surround it in the contexts I studied. In the next section I present a summary of my research findings.

## Summary of Research Findings

My study has drawn light on the fact that overall the policies reflect the politics of the state. They ensure that students do homework because it is believed that by doing homework students achieve educational success.

Apart from serving the instructional functions of practice, preparation, extension and integration (Cooper, 1994), in the policies it is inferred that homework also serves the non-instructional functions of personal development, communication, peer interaction and political function (Epstein & Van Voorhis, 2001). Homework teaches students vital qualities to become employable, in particular through the skills of time management, perseverance, responsibility, independence and self-confidence. These skills are believed to be derived through homework.



*…ikompli f'paġna 15*

…ikompli minn paġna 14

This notion runs parallel with the economic rationale of neoliberal education which responsibilises the individual for his/her own learning. The state places the same responsibility on all the students to acquire the necessary skills which are conducive to employability.

In connection with the above, I found that the policies present specific expectations and give us a very clear portrayal of the ideal student. However, research suggests that not all students have access to the same cultural capital. Bourdieu (2004) argues that there are three forms of cultural capital which the upper classes in society consider to be of value (Bourdieu, 2004). The institutionalised state of cultural capital refers to parents' academic credentials or qualifications. Bourdieu (2004) claims that by owning academic credentials one is also certified in cultural competence: the acknowledgement of one's aptitude. This is then transferred to the children by means of reproduction strategies (Lareau, 2000). So academic success is easier for children whose parents own academic credentials (Lareau, 2000)

The embodied state of cultural capital refers to family experiences, traditions and socialisation. By drawing on Bourdieu, Clarke (2012) explains that these usually shape an individual's attitude towards education. So does 'habitus', explained as "a set of dispositions that influence individuals to act and react in a particular manner" (Clarke, 2012, p.31). These dispositions create practices and attitudes which are structured, long-lasting and contribute "to an individual's view of education and how one navigates a place within education" (Clarke, 2012, p.31).

The objectified state of cultural capital is related to the families' economic capital (Clarke, 2012). It refers to objects of a cultural nature (e.g. books, visits abroad, works of art) which can be used by students to develop their academic success.

Since not all students come from the same social background and they do not have the same family circumstances and educational abilities, they do not all have the same cultural capital and therefore the same possibilities for success (Bourdieu, 2004; Lareau, 1987). In the literature we read that parents are crucial for their children's educational development (Cooper, 1994; Epstein, 2001; Marzano & Pickering, 2007; Plato, 2000). In fact the policies stress the importance of partnership between the school and the home for the benefits of homework to be achieved. Congruent with this, in the policies parents are given specific homework responsibilities which they should fulfil.
In particular they are expected to provide a home environment which is conducive to learning.



…ikompli f'paġna 16

*…ikompli minn paġna 15*

These requirements are communicated by means of language of compulsion (Hutchison as cited in Clarke 2012) in the form of authoritative verbs like “should”, “provide”, “ensure” and “encourage”. This puts pressure on all parents to collaborate with the school. However not all parents can help their children, encourage them, clarify their homework and motivate them. Literature reveals that some parents might find it difficult to fulfil these homework responsibilities. This is because not all parents have the objectified, institutional and embodied forms of cultural capital required by the school (Bourdieu, 2004). Consequently, if parents cannot fulfil the responsibilities presented in the homework policies, their children might find it difficult to complete homework adequately and to acquire the skills needed to become citizens fit for the learning society.

**Conclusion**

This research has taught me to question things. As an educator in the Maltese state sector, now I ponder about my position in relation to homework. I have learnt to listen more closely to the concerns of the students and parents about homework. I now use different lenses to analyse the language used in the policies and understand the hidden agendas. I have also become aware that in order to draw a homework policy, several factors should be considered. These are mainly the different socio-economic backgrounds of the students, the level of family support available, the parents’ level of education, and the individual needs of the students and their families.

This research work was carried out following the award of a STEPS scholarship which was part-financed by the European Union - European Social Fund (ESF) under Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013, “Empowering People for More Jobs and a Better Quality Of Life”.

*Mr. M. Bugeja*
Assistant Head



F'din l-aħħar sena, il-kumitat tal-EkoSkola ħadem fuq it-tema tal-ilma u l-importanza tiegħu. Għalhekk, ġol-iskola ser jiġu installati water despensers sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jimlew reusable bottles.










Bil-għajnuna tal-fondi ingħatati mill-HSBC Catch the Drop Campaign, l-iskola xtrat flixkun resuable għall-istudenti kollha sabiex dawn ikunu jistgħu jimlewhom bl-ilma fil-brejk. Dan il-proġett huwa intenzjonat biex iqajjem kuxjenza dwar ħajja aktar sostenibli permezz ta' tnaqqis fl-użu tal plastik u tnaqqis fil-konsum tal-ilma.

*Kumitat EkoSkola*








# KUN AF… KIF TNIŻŻEL IL-KARTI TAL-EŻAMIJIET MILL-WEBSAJT

Bħas-sena skolastika li għaddiet, l-istudenti li jattendu l-iskola tagħna għandhom l-opportunità li jniżżlu l-karti tal-eżamijiet tas-snin imgħoddija biex jippreparaw ruħhom sew għall-eżamijiet ta' nofs is-sena. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jsegwu dawn l-istruzzjonijiet:




1. Ikteb l-indirizz tal-websajt tal-iskola fil-programm tal-Internet tiegħek.




2. Mill-*homepage* tal-iskola, agħfas il-buttuna KSB Half Yearly Exam Papers li tinsab fuq in-naħa tax-xellug taħt it-titlu Quick Links.






3. Malli tidħol fil-paġna KSB Half Yearly Exam Papers, agħżel is-sena, is-suġġett u l-*form* tal-karta tal-eżami li tkun trid tniżżel.




4. Malli tara l-karta tal-eżami fuq l-iskrin, agħfas il-buttuna *download* biex tniżżel il-karta tal-eżami fuq il-kompjuter tiegħek jew inkella agħfas il-buttuna *print* biex tipprintjaha mingħajr ma tissejvjaha fuq il-kompjuter.

Il-karti tal-eżamijiet se jkunu fuq il-websajt mill-1 ta' Diċembru. Jekk issib xi diffikultajiet, kellem lill-għalliem/a tiegħek tal-ICT.

*Is-Sur A. Galea*
Webmaster tal-Iskola

# Benedittu Productions











## POEŻIJA TAL-ISTUDENTI: IL-MILIED

Il-Milied reġa' magħna
It-twelid tal-Mulej
Twieled biex jifdina
Gesù il-feddej

Għaddew elfejn sena
u għadna ma sibniex
Il-paċi fid-dinja,
wisq gwerer u ġlied

Meta ser intennu
li l-gwerra għaddiet
Ningħaqdu fil-paċi
Ningħaqdu bhall-ħbieb

Wisq rigali u ikliet
Kanzunetti tal-Milied
Ornamenti u tiżjin
U narmaw lill-Bambin

Mela ejja niftakru
xi jfisser Milied
Inwarrbu l-mibgħeda
Inwarrbu l-inkwiet

Naraw kif ser ngħinu
U nagħdru lil xulxin
Negħlbu d-differenzi
tagħna l-bnedmin.



*Enya Coleiro* 8.2
*Krista Zahra* 8.6






**Biljetti mingħand**

Marchams Stationery
and Sub Post Office
191, Triq Santa Marija,
Għaxaq

AZ Stationery Arts
and Crafts Supply Shop,
57, Vjal l-Indipendenza,
Żurrieq

**Bord Editorjali:**

Assistenta Kap: C. Pisani Grixti
Disinn: A. Galea
Fotografi: D. Bezzina, J. Farrugia, V. Zammit
Issettjar: A. Galea, J. Azzopardi
Qari tal-Provi: W. Incorvaja, S. J. Polidano
C. Tanti, J. Brincat, D. Dimech
Tradutturi: D. Bezzina, K. Callus, R. Galea
Stampar: C. Cassar